Qorti Kriminali

Imhallef Dr. Michael Mallia LL.D.

Att ta' Akkuza numru 32/2013

Repubblika ta' Malta

versus

***Omissis***

Illum 11 ta' Frar 2015

Il-Qorti;

Rat l-Att ta' Akkuza numru 32 tas-sena 2013 migjuba fil-konfront tal- imsemmi ***Omissis***, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 216875M.

Fejn l-Avukat Ġenerali fl-Ewwel Kap ippremetta:

Illi fis-sena elfejn u erbgħa (2004) u fix-xhur u s-snin ta' qabel ġewwa Bormla u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ***Omissis*** kellu konġunġament karnali vjolenti mat-tifla tiegħu ***Omissis***, minuri, kontra r-rieda tagħha stess. Dan kien għamlu f'żewġ f'okkażjonijiet separati billi kien jidħol f'kamra tas-sodda fir-residenza tiegħu fejn ikun hemm bintu ***Omissis*** u hemmhekk hu kien, vjolentement u kontra r-rieda tagħha ikollu konġunġament karnali mat-tifla tiegħu.

Illi l-ewwel darba li ***Omissis*** wettaq konġunġiment karnali fuq it-tifla tiegħu ***Omissis***, kien meta l-istess minuri kien għad kellha biss madwar disa' snin. Dan l-istupru kien twettaq fil-kamra tas-sodda ta' ħu ***Omissis*** li kienet f'din il-kamra. ***Omissis*** daħal f'din il-kamra, sakkar il-bieb u beda jbus lil ***Omissis*** fuq xufftejha, u wara li neżżagħala l-qalziet u beda jmissilha sidirha, qalilha biex tmisslu l-parti privata tiegħu u wettaq fuqha stupru vjolenti. ***Omissis*** ippenetra lill-bintu kemm minn quddiem (b'mod vaġinali) u anke minn wara (b'mod anali). Illi din ma kienitx l-unika darba illi ***Omissis*** wettaq stupru vjolenti fuq bintu ***Omissis***. Filfatt ***Omissis*** ftit taż-żmien wara, wettaq dan l-att illegali darb'oħra fuq bintu. It-tieni darba li wettaq l-istupru fuq bintu kien fil-kamra tas-sodda ta' ***Omissis*** stess. ***Omissis*** qal lil ***Omissis*** sabiex tinża l-ħwejjeġ kollha, reġa' missilha sidirha u l-partijiet privati

tagħha u anke għamlilha marka fuq għonqha. Din il-marka saħansitra ratha omm ***Omissis*** iżda meta staqsiet fuqha, ***Omissis*** beda jbiddel id-dikors.

Illi sabiex ma jinkixifx, ***Omissis*** kien iwwissi lit-tifla tiegħu, sabiex ma titkellem xejn fuq dak li ġara. Kien biss ħafna żmien wara li ***Omissis*** kienet lesta tiftaħ qalbha ma' soċja tal-MUSEUM fuq dak li kienet għddiet minnu.

Illi b'għemilu, l-imsemmi ***Omissis*** sar ħati talli b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda wettaq stupru vjolenti aggravat, u cioè talli ikkommetta stupru vjolenti fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, b'dan li d-delitt sar fuq persuna taħt l-età ta' tnax-il sena u li d-delitt sar minn axxendent, tutur, jew istitur fuq persuna taħt l-età ta' tmintax-il sena kif ukoll li d-delitt sar fuq il-persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew biż-żwieġ sat-tielet grad inklużivament.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi jakkuża lill-imsemmi ***Omissis*** ħati talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta stupru vjolenti fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li d-delitt sar fuq persuna taħt l-età ta' tnax-il sena u li d-delitt sar minn axxendent, tutur, jew istitur fuq persuna taħt l-età ta' tmintax-il sena kif ukoll li d-delitt sar fuq il-persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew biż-żwieġ sat-tielet grad inklużivament; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn erba' snin sa tletin sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31 198, 201(a), 202(b)(h)(iii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Fejn l-Avukat Ġenerali fit-Tieni Kap ippremetta:

Illi fl-istess żmien u ċ-ċirkostanzi indikati fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża u ċioe` fis-sena elfejn u erbgħa (2004) u fix-xhur u s-snin ta' qabel ġewwa Bormla u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, ***Omissis*** ikkorrompa lit-tifla minuri tiegħu, u ċioe` lil ***Omissis*** billi messilha l-partijiet privati tagħha.

Illi xi ġimgħat qabel wettaq il-konġunġiment karnali l-ewwel darba, ***Omissis*** kien mess lil ***Omissis*** minn fuq il-ħwejjeġ, Huwa beda jmissha fuq sidirha u fil-partijiet privati tagħha, kontra r-rieda tagħha, iżda dakinhar waqaf milli jkompli jmissha malli l-istess ***Omissis*** kienet ser taqbad tgħajjat.

Illi ukoll fl-istess żmien u ċirkostanzi hekk kif imsemmi fl-Ewwel Kap ta' din l-Att t'Akkuża, ***Omissis*** ikkorrompa lill-istess minuri ***Omissis***, li kellha inqas minn tnax-il sena, b'diversi atti żienja, meta huwa kkommetta fuqha darbtejn l-istupru vjolenti hekk kif imsemmi aktar 'il fuq.

Illi b'għemilu, l-imsemmi ***Omissis*** sar ħati ta' korruzzjoni aggravata ta' minuri ta' taħt l-età, u ċioe` talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'egħmil żieni kkorrompa persuna ta' taħt l-età, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li d-delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-età ta' tnax-il sena, inkella bi vjolenza, u li sar minn axxendent, mid-demm jew bi żwieġ, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn ħaddieħor li lilu, imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jedukaħ, jgħallmu, jindukrah jew iżommu.

Ghaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi jakkuża lill-imsemmi ***Omissis*** ħati talli kkommetta korruzzjoni aggravata ta' tifla ta' taħt l-età, u ċioe` talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'egħmil żieni kkorrompa persuna ta' taħt l-età, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor; b'dan li d-delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-età ta' tnax-il sena, inkella bi vjolenza, u li sar minn axxendent, mid-demm jew bi żwieġ, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn ħaddieħor li lilu, imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jedukaħ, jgħallmu, jindukrah jew iżommu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija sa tnax-il sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 203(1)(a)(ċ) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Fejn l-Avukat Ġenerali fit-Tielet Kap ippremetta:

Illi fiż-żmien u ċ-ċirkostanzi indikati fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża u ċioe` fis-sena elfejn u erbgħa (2004) u fix-xhur u s-snin ta' qabel ġewwa Bormla u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, l-akkużat ***Omissis***, kien iżomm bil-forza lill-minuri ***Omissis*** f'okkażjonijiet differenti minn xulxin, u ma kienx iħalliha tmur fejn trid u dan fl-istess mument li huwa kien ripettutivament qiegħed bil-vjolenza jistupraha, f'okkażjonijiet separati minn xulxin, jew ripettutivament jikkorrompiha.

Illi l-akkużat ***Omissis*** fl-ebda mument ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni minn xi awtorita` pubblika jew kompetenti u ma kienx xort'oħra awtorizzat biex iżomm lil ***Omissis*** f'okkażjonijiet differenti minn xulxin, kontra r-rieda tagħha u tali għemil lanqas ma kien permessibbli minn xi dispożizzjoni tal-liġi

Illi b'għemilu, l-imsemmi ***Omissis*** sar ħati ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-liġi, u ċioe' talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, b'dan illi id-delitt ikun sar bħala mezz biex persuna

tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna;

Ghaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi jakkuża lill-imsemmi ***Omissis*** ħati ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-liġi, u ċioe` talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, b'dan illi id-delitt ikun sar bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna, u wkoll dan id-delitt seħħ kontra l-persuna ta' ***Omissis*** ossia dixxendent naturali ta' ***Omissis***; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa' ħames snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 86, 87(1)(g)(h) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-eccezzjonijiet imqajjma mill-akkuzat permezz ta' nota tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru tal-elfejn u tlettax (2013):

Illi t-tliet kapi tal-Att ta' Akkuza qieghdin jinghataw kollettivament u mhux qed jinghad li wiehed huwa kap alternattiv ghal xi kap iehor. 'Rebus Sic stantibus', Att ta' Akkuza li jippostula r-reati ta' stupru u korruzzjoni ta' minorenni flimkien mhux sostenibbli.

Illi l-akkuzat jissolleva eccezzjoni formali dwar il-illegalita' tal-operat tal-ufficjal investigattiv, l-Ispettur Louise Calleja, minhabba theddid li tarresta lil bintu ***Omissis*** jekk ma jammettix u minhabba pressjoni kbira li ghamlitlu u kliem fis-sens li jekk jammetti 'jkun jaqbillu biex jithalla jitlaq qabel'.

Illi l-akkuzat jissolleva li fil-konfront tieghu il-prosekuzzjoni wettqet ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeaja ghad-Drittijiet tal-Bniedem peress illi, minkejja l-prezunzjoni tal-innocenza, huwa baqa' jinzamm taht kustodja preventiva ghal-31 xahar, meta l-Kodici Kriminali jimponi massimu ta' 20 xahar, u jitlob Referenza Kostituzzjonali skond l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitolu 319)

1) L-inammissibilita' tal-istqarrija tal-akkuzat, mhux biss minhabba li hija involontarja in kwantu mehudha b'theddid li l-Pulizija tarresta lil bintu ***Omissis***, izda wkoll minhabba li giet mehudha bi ksur tad-drittijiet fondamentali tal-akkuzat in kwantu ma nghata l-ebda access ghal avukat biex jaghti parir, qabel jew waqt li kien itnerrogat mill-Pulizija, u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropjea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan huwa punt ta' natura kostituzzjonali li jirrigwarda d-drittijiet fondamentali tal-akkuzat li, skond l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u skond l-artikolu 4

tal-Kapitolu 319, ghandu jigi riferit lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) ghal decizjoni.

2) L-inammissibilita' tax-xheida ta' Roberta Agius, Deborah Attard, Rodianne Borg, lkoll social workers u impjegati mal-Agenzija Appogg, in kwantu x-xhieda taghhom hija bbazata fuq ix-xhieda moghtija minn haddiehor u ghalhekk hija 'hearsay', kif ukoll ghaliex, in vista tal-fatt li huma ma kienux xheida okulari, kwalunkwe xhieda eventwali taghhom hija maghmula minn opinjonijiet u mhux fatti. Barra minn hekk, in kwantu huma ma ghandhomx kawlifiki sufficjenti biex jitqiesu 'esperti' in materja ta' psikologija u psikjatrija, ma jikkwalifkawx biex jithallew jaghtu l-opinjonijit taghhom fuq materja li m'humiex esperti fiha. Ghall-kuntrarju, Dr. Joan Camilleri u Dr. Mireille Vella jitqiesu persuni kwalifikati, flimkien ma Dr. Raymond Galea li huwa wkoll kwalifikat.
3) L-inammissibilita' tax-xhieda ta' Dr. Joseph Tonna in kwantu l-Att ta' Akkuza ma fih l-ebda accenn ghal xi droga, u ghalhekk malli jissemmew id-Detox u c-CCF il-gurati jiehdu impressjoni negattiva bla htiega, u dan ikun ta' pregudizzju ghall-akkuzat.
4) Kwalunkwe riferiment ghal xi haga li hemm fl-atti li tista' tkun ta' pregudizzju ghal smiegh xieraq (per ezempju, riferiment ghal droga jew Detox) qighed jigi preventivament mitlub li jithalla barra u m'ghandux jithalla jissemma fil-guri.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Dicembru tal-elfejn u tlettax (2013) fejn oggezzjona ghal-lista tax-xhieda tal-akkuzat fejn talab b'mod generiku "hbieb ta' ***Omissis***," u talab illi dawn jigu identifikati u iddikjarat l-oggett tal-prova taghhom;

Rat in-nota tal-hamsa (5) ta' Awwissu tal-elfejn u erbatax (2014) fejn l-akkuzat elenka lanjanzi kostituzzjonali;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tal-ghaxra (10) ta' Novembru tal-elfejn u erbatax (2014) ghal dawn l-istess lanjanzi;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur u tal-avukat rapprezentant tal-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tosserva illi l-lanjanzi kostituzzjonali kif imqajjma fin-nota tal-hamsa (5) ta' Awwissu tal-elfejn u erbatax (2014) hija spjegazzjoni aktar dettaljata tal-eccezzjonijiet originali mqajjma mill-akkuzat u ghalhekk il-Qorti sejra titratta flimkien dawn l-eccezzjonijiet u lanjanzi kostituzzjonali illi qajjem l-akkuzat.

Ikkunsidrat:

Rigward l-ewwel eccezzjoni l-akkuzat qieghed jilmenta illi t-tlett kapi tal-att tal-akkuza nghataw kollettivament mentri dawn ma jistghux jissussitu flimkien peress illi huma kapi alternattivi;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma dan l-argument. It-tlett kapi jirriflettu akkuzi differenti u l-gurati jistghu jekk ikun il-kaz isibu lill-akkuzat hati tal-ewwel kap f'liema cirkostanzi allura t-tieni kap jigi alternattiv. Imma jistghu ma jsibuhx hati tal-ewwel kap u jsibuh hati tat-tieni u t-tielet, f'liema kaz allura l-Qorti tkun tista' tirregola l-pozizzjoni taghha fil-kuntest tal-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali safejn dawn l-akkuzi jkunu alternattivi jew involuti u inkorporati. Però bhala att ta' akkuza jista' jibqa' kif inhu bi tlett kapi separati. F'din l-istess eccezzjoni l-akkuzat qieghed jallega l-illegalità tal-operat tal-ufficcjal investigattiv l-Ispettur Louise Calleja minhaba theddid illi allegatment ghamlet fuq l-akkuzat sabiex jirrilaxxa l-istqarrija. Din hija kwistjoni ta' prova illi tista' tirrizulta waqt is-smigh tax-xhieda. L-akkuzat irid jiftakar, però, illi min jallega jrid jipprova u spetta ghalih biex igib din il-prova quddiem il-gurati jekk ikun il-kaz, dejjem fuq bazi ta' probabilità kif id-Difiza ghandha d-dritt illi tressaq il-grad tal-provi taghha.

L-akkuzat jilmenta ukoll illi huwa nzamm arrestat taht kustodja preventiva ghal wiehed u tletin (31) xahar meta l-Kodici Kriminali jimponi massimu ta' ghoxrin (20) xahar.

Din il-Qorti tirrileva illi ghall-ewwel l-akkuzat kien ipprova diversi drabi jitlob illi jinghata l-helsien mill-arrest u dan kien qed jigi michud mill-Qorti sakemm fl-ahhar donnu waqaf illi jaghmel tali talba. Minkejja illi ghaddew l-ghoxrin xahar l-akkuzat ma ghamel l-ebda talba kif kellu dritt illi jaghmel u l-ewwel darba illi ghamilha wara l-gheluq ta' dan it-terminu nghata d-dritt tal-libertà provizorja. Jekk l-akkuzat jidhirlu illi b'dan l-agir inkisru xi drittijiet kostituzzjonali, allura jista' dejjem ifittex lill-Qorti kompetenti ghad-danni konsegwenza ta' dan id-dritt allegatament leziv u ma hemmx ghalfejn riferenza kostituzzjonali minn din il-Qorti ghal dan il-ghan.

Rigward l-eccezzjonijiet fuq il-provi, l-akkuzat qieghed jallega l-inammissibiltà tal-istqarrija tal-akkuzat, dan ghaliex ma giex moghti d-dritt ghal access ghal avukat biex jaghtih parir qabel jew waqt illi kien interrogat mill-pulizija u invoka ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi dan huwa l-kaz peress illi già irrizulta manifestament mill-atti ta' din il-kawza illi l-akkuzat gie moghti dan id-dritt mill-Ispettur Calleja u fil-fatt uzufruwixxa ruhu minnu u kellem lil avukat.

Rigward il-kwistjoni jekk l-istqarrija hijiex mittiefsa minn xi difett kif mitlub mill-Kodici Kriminali dina hija kwistjoni ta' provi li jridu jirrizultaw waqt is-smigh tax-xhieda fil-kuntest ta' dak li ntqal aktar qabel dwar il-provi li jrid igib l-akkuzat fuq allegazzjoni tieghu.

Rigward l-inammissibiltà tax-xhieda ta' social workers u l-impjegati tal-Agenzja Appogg in kwantu x-xhieda taghhom hija bazata fuq xhieda moghtija minn haddiehor, il-Qorti tirrileva illi din ix-xhieda tigi hearsay biss jekk il-persuna li tkun irrakkontat ma tigix prodotta direttament biex tixhed hi u tikkonferma o meno dak illi ntqal. F'dan il-kaz, jidher illi l-vittma ***Omissis***, bint l-istess akkuzat, se tingieb tixhed. Kwindi x-xhieda tas-social workers u impjegati mal-Agenzja Appogg ma tibqax aktar hearsay jekk din tigi korroborata mill-vittma ***Omissis***. Jekk le, il-Qorti thalli impregudikata x-xhieda taghhom sabiex tiddeciedi fl-istadju opportun din ix-xhieda ghandhiex tigi kunsidrata bhala hearsay jew le. Skont id-dispost tal-artikolu

598 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili rez applikabbli bl-artikolu 645 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif spjegati mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Repubblika ta' Malta versus John Borg tas-sittax (16) ta' Jannar elfejn u tlettax (2013).

L-akkuzat qieghed jilmenta ukoll minn xhieda ohra illi m'ghandhomx kwalifiki sufficenti biex jitqiesu bhala esperti in materja ta' psikologija u psikjatrija, f'liema kaz m'ghandhomx jithallew jaghtu opinjonijiet fuq materja. Din il-Qorti jidhrilha illi f'dan il-kaz l-akkuzat ghandu ragun. Nies illi mhumiex kwalifikati f'materja partikolari, jistghu jixhdu biss dwar il-fatti izda m'ghandhomx jaghtu opinjonijiet, f'liema kaz dawn ghandhom jithallew f'idejn persuni kwalifikati li ghandhom jaghtu d-depozizzjoni taghhom quddiem il-gurati.

L-akkuzat qieghed jilmenta ukoll mix-xhieda ta' Dottor Joseph Tonna in kwantu din taghmel riferenza ghal xi drogi, Detox u s-CCF. Din il-Qorti taghmilha cara illi peress illi m'hemm l-ebda accenn ghad-droga f'dan il-kaz, m'ghandhiex issir riferenza ghal xi droga u lanqas ghal xi precedenti tal-akkuzat u l-permanenza tieghu fil-habs civili ta' Kordin oltre z-zmien illi huwa ghamel in konnessjoni ma' dan il-kaz.

Fl-ahhar l-akkuzat qieghed jilmenta illi wahda mir-ragunijiet il ghala qieghed jitlob ir-riferenza kostituzzjonali minn din il-Qorti hija dik illi m'ghandux mezzi sabiex huwa jinkarga avukat jaghmillu dan ix-xoghol. Il-Qorti tirrileva illi l-akkuzat jista' dejjem jirrikorri ghall-ufficcju tal-Ghajnuna Legali illi jista' jtih il-pariri opportuni kif u fejn ghandu jipprocedi b'dawn il-lanjanzi jekk ikun il-kaz.

B'riferenza ghan-nota tal-Avukat Generali tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Dicembru tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tordna illi fi zmien gimgha l-akkuzat irid jindika minn huma l-hbieb ta' ***Omissis*** li ghamel riferenza ghalihom fil-lista tax-xhieda tieghu u jikkdikara xi prova bihsiebu jaghmel bihom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi salv dak illi nghad, tichad l-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat kif ukoll tiddikjara l-lanjanzi kostituzzjonali tieghu bhala frivoli u vessatorji u tiddiferixxi l-kaz sine die biex tistenna t-turn taghha biex tinstema' bhala guri.

(ft) Michael Mallia
Imhallef

Franklin Calleja
Deputat Registratur